# *Il-Festa ta' Stella Maris*

# *matul iż-Żminijiet*

minn John Bisazza



*L-Amministratur Appostoliku l-Isqof Antonio Buhagiar. Fl-1886 ta l-permess biex tibda toħroġ il-proċessjoni fil-festa titulari.*

Meta nżammet l-ewwel festa ta' Stella Maris fid-19 ta' Awwissu 1855, f'tas-Sliema kienu ftit inqas minn erba' mitt ruħ dawk li kienu jgħammru fil-ftit toroq ta' madwar il-knisja u n-naħa tal-baħar. Il-gazzetta L'*Ordine* tal-24 ta' Awwissu kienet l-ewwel waħda li semmiet l-avveniment, fost l-oħrajn li ħafna nies mill-Belt Valletta attendew għal dik l-ewwel festa fir-raħal żgħir ta' tas-Sliema. Kien l-ewwel Ħadd wara l-ftuħ tal-Knisja.

L-istess gazzetta, minbarra li tat xi dettalji dwar il-funzjonijiet li ġew iċċelebrati fil-Knisja, iddeskriviet l-atmosfera esterna ***...vi fu una giostra, ed al calar del sole una brillantissima luminaria accompagnata da un bel fuoco artificiale...*** Il-gazzetti tas-snin ta' wara baqgħu dejjem isemmu l-festa annwali li kienet bdiet dejjem



*Il-Knisja armata għall-festa 1923.*



*Proċessjoni tal-25 ta' Awwissu 1946.*

iżżid fil-popolarità. Kienu ġew iffurmati kumitati żgħar li bdew jieħdu ħsieb jorganizzaw il-festi ta' barra fejn kienu jdoqqu xi baned tas-Servizzi filwaqt li l-mixegħla kienet tkun magħmula minn tazzi kkuluriti mimlija biż-żejt, inkluża l-faċċata l-ġdida tal-Knisja li kienet inbniet bejn l-1906 u l-1909. Il-Festa kienet tiġi ċċelebrata mingħajr il-proċessjoni u għalhekk wara li fl-1878 Stella Maris saret parroċċa, il-kappillan Manchè beda jħabrek biex din tibda tinżamm; wara ħafna petizzjonijiet, it-talba ġiet milqugħa fl-1886 meta l-Amministratur Appostoliku l-Isqof Antonio Buhagiar ta l-permess meħtieġ biex fit-22 ta' Awwissu tinżamm l-ewwel proċessjoni. Peress li f'Malta kienu qed jinħassu xi terremoti, din ġiet posposta għal ġimgħa wara, iżda kien jonqos ħaġa waħda – vara titulari. Għal dan il-għan l-iskultur Vincenzo Cremona kien ġie kkummissjonat għal dan ix-xogħol li tlesta għall-festa tal-1887. Għal xi raġuni li baqgħet mhux magħrufa ġiet ordnata waħda ġdida ġewwa Franza,u li waslet fid-19 ta' Awwissu 1891.

Fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin, il-festa bdiet kulma tmur tikber fis-solennità. Waqt il-funzjonijiet liturġiċi, l-oratorja tal-priedki, ġeneralment bit-Taljan, u l-mużika kienu saru s-sors ewlieni li kien jiġbed in-nies lejn il-knisja. Ċertu stil ta' mużika kien iżjed jixbah dak operistiku u sinfoniku milli dak liturġiku. Għaldaqstant il-Papa San Piju X, konxju mil-fatt li l-abbuż kien mifrux mad-dinja kollha, f'Novembru 1903 ħareġ il-*Motu Proprio* bl-għan li jirregola il-mużika fil-knejjes. Kien hawn li tfaċċa fix-xena l-kompożitur Ferdinando Camilleri (1859-1942) li mill-ewwel beda jikkomponi mużika xierqa għal waqt il-kult liturġiku. Fl-1906 fl-okkażjoni tal-festa kkompona l-quddiesa ***Messa Solenne Stella Maris,*** liema xogħol ġie approvat unaninament mill-kummissjoni Rumana dwar il-mużika sagra. Fl-istess sena kkompona l-Innu ***'A Mara Vergine***



Il-gazzetta 'Il Risorgimento'tas-16.8. 1891

tirrapporta il-wasla tal-Vara min Franza

*Alla Sliema*—Jeri verso le 6 p.m. venne trasportata alla Parrocchia della Sliema, in mezzo al suono della banda *I Cavalieri di Malta* e di numeroso popolo, la nuova statua della Vergine *Stella Maris*.

In Chiesa si trovava Mons. Vicario Generale, il quale benedì la statua.

Questa veramente bella e pregevole opera d'arte fu eseguita a Parigi. La Vergine e i due angeli hanno un'espressione nel volto divina.

Sentiamo che il costo della statua superi le £100.

Abbiamo, e con noi quanti si trovavano jeri in Chiesa, ammirato il lavoro d'intaglio del piedistallo della suddetta statua fatto dal noto artista signor Paolo Bugeja, e la sua indoratura, una vera bellezza, dell' artista signor Giuseppe Farrugia.

A tutti un bravo di cuore.

*Ed a proposito* della Sliema, sabato e domenica prossima vi saranno illuminazione, giuochi pirotecnici, processione, musica all'interno del Tempio e bande cittadine all'esterno, ricorrendo la festa titolare di quella Parrocchia.

***Il-gazzetta 'Il Risorgimento' tas-16.08.1891 tirrapporta l-wasla tal-Vara minn Franza.***



*22 ta' Awwissu 1942 – L-unika proċessjoni (mingħajr il-vara) li nżammet fis-snin tal-gwerra, għaddejja qalb il-bini mġarraf ta' Triq San Vinċenz. (photo courtesy W.J. Jones)*

***Stella del Mare'*** fuq il-kliem ta' Dun Pawl Vella Mangion, l-ewwel qassis li ħareġ mill-parroċċa l-ġdida. Mexxa ż-żewġ baned Slimiżi '*I Cavalieri di Malta*' u '*Queen Victoria*', u fl-1914 waqqaf il-Banda *Stella Maris,* waħda mill-protagonisti ewlenin tal-festa sal-ġurnata tal-lum.

Il-Festa hija tradizzjoni sabiħa li ilha ġejja 'l fuq minn mitt sena u ta' min ikompli jgħożżha. Il-baned, it-tiżjin, in-nar u l-briju moderat jiffurmaw parti importanti mill-festa esterna, iżda mhux l-iktar importanti; il-liturġija festiva fil-knisja hija ċ-ċentru tal-qima li nagħtu lil Marija. Tajjeb għalhekk li nagħmlu l-parti żgħira tagħna biex, kif għamlu ta' qabilna matul dawn l-aħħar 160 sena, niċċelebraw festa sabiħa f'ġieħ il-Patruna tal-Parroċċa tagħna **Marija Stella Maris.**

**Malta Times**

August 23, 1895

**AT SLIEMA**

Sliema will be en fête on Saturday and Sunday, the occasion being the festival of Our Lady, Star of the Sea... On Sunday morning High Mass will be sung with full orchestral accompaniment under the direction of Mr Ferdinando Camilleri, Director of the Philarmonic Society "I Cavalieri di Malta"...

The following bands will play on Saturday: The Gloucester Regiment on Ghar id-Dud; "I Cavalieri di Malta" near the Parish Church; The Duke of York's Own in Strada S. Vincenzo; San Giuseppe of Hamrun in Strada Cattedrale. On Sunday the Marsamuscetto Steam Ferry Boats will be run until midnight.

* * *

The well-known Maltese artist, Mr V.M. Cremona, has just got ready two angels for the Stella Maris Festival which will be placed on the square near the Parish Church for the occasion. The public will thus have an opportunity of admiring the talents of our young artist. The same talented gentleman has in preparation a statue representing the great Patriarch St Domnic, Founder of the Order of Preachers, for the Church of the Annunciation of Vittoriosa.

*Il-Festa tal-Parroċċa kif irrappurtatha l-Malta Times tat-23.8.1895*

**Riferenzi**


L'Ordine: 24/8/1855, 28/8/1857, 26/8/1889, 26/8/1870

Fede ed Azione: 1/9/1887

Malta Times: 23.8.1895

Il Risorgimento 16.8.1891

Times of Malta 22.8.1942

Il-Mużika ta' Malta fis-seklu XIX u XX – Joe Vella Bondin – Edizzjoni PIN 2000